MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-26 ta' Ġunju, 2003

John Cassar
vs
Direttur tat-Turizmu

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn 1988 u 1994, huwa kien sofra ingustizzji f'li ma nghatax varji posts kif hawn taht imsemmija:

(a) 1988/1989 – Post ghall-Grad ta' Lecturer II fl-Institute of Tourisim Studies, St Georges, St Julians.

(b) 1991/1992 – Post ghall-Field Officer mal-Hotels and Catering Establishments Board, Ministry of Tourism, Valletta.

(c) 1991/1992 – Posts ta' Professional Officer I – Food and Beverage Service (Lecturer), Assistant Lecturer Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service fl-Institute of Tourisim Studies, St Georges, St Julians

(d) 1993/1994 – Posts ta' Professional Officer I – Food and Beverage Service (Lecturer), Assistant Lecturer Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service fl-Institute of Tourism Studies, St Georges, St Julians.

Illi l-fatti tal-kazijiet kollha kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa kellu esperjenza vasta f'dan il-mestier peress li kien ghamel zmien twil jghallem bhala Teacher fil-Food & Beverage Service fil-Hotel & Catering Studies department fl-MCAST, Msida ghal hames snin shah u sena u nofs ohra bhala Part-Time Lecturer II fl-Institute of Tourism Studies St. Georges u kif ukoll kellu pozizzjonijiet ta' Management Ezekuttiv mal-Lukandi varji.

(a) Illi f'Novembru 1988 kienet harget Call for Application ghall-post ta' Lecturer II fil-Food & Beverage Service mal-Institute of Tourism Studies, St. Georges, St. Julians. Illi huwa kien applika ghal dan il-post. Fil-frattemp kienet harget Call for Application ohra f'Novembru 1988, ghall-istess grad imma ghal Part-Timers. Illi huwa applika u gie maghzul biex jibda jaghti l-Lectures fis-Suggett specjalizzat tieghu kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex. Illi f'Mejju 1989 kienu baghtu ghalih ghall-interview u huwa rrisponda tajjeb ghad-domandi kollha li sarulu. Illi wiehed irid jghid li r-rizultat ufficjali ta' dan l-interview qatt ma gie publikat jew komunikat lir-rikorrent. Illi huwa meta ra li l-proceduri ma humiex qeghdin jigu segwiti u attwati kif normalment jigri, r-rikorrent f'Lulju 1990, kiteb lill-Prim Ministru biex jinvestiga dak li kien qed jigri. Fil-fatt gie mahtur Board of Inquiry mill-Ufficcju tal-Prim Ministru taht ic-Chairmanship ta' Dr. Richard Galea Debono. Ir-rizultat ta' din l-inkjesta gie komunikat permezz ta' ittra mibghuta mis-Sur Fiorini Lowell f'Novembru 1991.

Illi huwa hass illi saret ingustizzja mieghu minhabba l-fatt f'ittra stess mibghuta mis-Sur Fiorini Lowell, gie ammess li

tnejn mill-applikanti kienu rrifjutaw il-post ta' Lecturer II li applikaw ghalih (wiehed li kien applika ghall-Post ta' Lecturer II fil-Food & Beverage Service u l-iehor li kien applika ghall-Post ta' Lecturer II fir-Rooms Divisions and Operations), u huwa kien gie kkwalifikat fit-tieni post, suppost kellu awtomatikament jinghata l-Grad ta' Lecturer II fil-Food and Beverage Service huwa. Imma fil-fatt li gara kien li l-proceduri gew oltrepassati.

(b) Illi f'Gunju 1991 kienet harget Call for Application ghall-Post ta' Field Officer mal-Hotels & Catering Establishments Board. Illi huwa applika ghal dan il-Post. Illi f'Settembru 1991, kienu baghtu ghalih ghall-interview u huwa rrisponda tajjeb ghad-domandi kollha li sarulu u tant hu hekk li f'hin minnhom Membru tal-Interviewing Board irrimarka li huwa OVER QUALIFIED, u jmissu qed japplika ghal higher post. Il-Kredenzjali u l-kwalifiki tal-Kandidati maghzula u moghtija l-Post ta' Field Officer kienu inferjuri ghall-Kwalifiki u l-Esperjenza tal-applikant (John Cassar). Kandidat iehor li sofra ingustizzja simili u li kien gie ikklassifikat wara l-istess applikant, kien fil-fatt ressaq il-kaz ta' Ingustizzja tieghu quddiem l-Ombudsman u ghalkemm rebhu, huwa la l-approvazzjoni, la l-appointment u lanqas kumpens ma gie moghti mill-Gvern precedenti.

(c) Illi f'Novembru 1991 kienu hargu Calls for Application ghall-Post ta' Professional Officer I - Food & Beverage Service, Assistant Lecturer Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service. Illi huwa applika ghal dawn il-Posts. Illi sitt xhur wara li ghalqu l-applikazzjonijiet, l-applikant kien ircieva zewg ittri separati li kienu gew mibghuta mid-Direttur tal-Institute of Tourism Studies fejn kien qed jinfurmah li l-applikazzjonijiet tieghu kienu ineligibbli minhabba l-fatt skond Paragraph 9 tal-Call for Application l-applikant ried ikollu Diploma fil-Hotel Management. Illi huwa fatt ukoll li l-applikant kien ipprezenta kopja ta' Dokument li l-applikant kien ircieva mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Malta fis-sena 1978. Id-dokument kien jikkonferma li l-applikant kellu kwalifiki professjonali bizzejjed li minhabba f'hekk ma kellux ghalfejn jigi kkunsidrat mill-Gvern Malti biex jibbenefika

minn Borza ta' Studju fil-Higher Hotel Management Studies li kien qed jigi offrut mill-Gvern Awstrijak. Illi huwa fatt ukoll li meta l-applikant mar l-ITS biex jiltaqa ma' wiehed mill-kollegi tieghu, hu innota li d-dipartiment tar-Registrar kien qed iqassam kopji tal-Prespectus u Information Handbook tal-ITS stess minghajr il-pagna li fiha kien hemm ritratt li kien juri lill-applikant jaghti Lecture/Demonstration f'wiehed mill-laboratorji tat-taghlim. Dan kien qed isir biex jiddiskredita lill-applikant u biex jiddizonorah mill-Institute of Tourism Studies. Illi huwa fatt konkret li filwaqt li l-ITS kien nieqes minn Lecturers kwalifikati, l-Amministrazzjoni tal-ITS baqghet tichad id-dritt lill-applikant billi tiddiskrimina kontra tieghu, u billi tesponieh ghar-ridikolu billi ingaggat persuna ohra li l-kwalifiki taghha kienu hafna inferjuri ghal dawk tal-applikant innifsu. Dan sar ghad-diskreditu tal-istudenti tal-ITS.

(d) Illi f'Dicembru 1993 kienu hargu Calls for Application ghall-Posts ta' Professional Officer I - Food and Beverage Service, Assistant Lecturer Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service. Illi huwa applika ghal dawn il-Posts. Illi ghal darba ohra bhalma kien gara fl-1991 meta l-applikant kien issottometta l-applikazzjonijiet tieghu, din id-darba wkoll ezattament sitt xhur wara li ghalqu l-applikazzjonijiet, id-Direttur tal-Institute of Tourism Studies rega' baghat lill-applikant zewg ittri separati fejn kien qed jinformah li l-applikazzjonijiet tieghu kienu ineligibbli minhabba il-fatt li skond Paragraph 9 tal-Call for Application l-applikant ried ikollu Diploma fil-Hotel Management. Illi huwa fatt ukoll li l-applikant kien ipprezenta mal-applikazzjonijiet individwali tieghu dokument li kien gie ipprezentat lilu mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Malta fis-sena 1978 li kien jikkonferma li l-applikant kellu kwalifiki professjonali bizzejjed li minhabba f'hekk ma kellux ghalfejn jigi kkunsidrat mill-Gvern ta' Malta biex jibbenefika minn Borza ta' Studju fil-Higher Hotel Management Studies li kien qed jigi offrut mill-Gvern Awstrijak. Illi huwa fatt abbuziv u diskriminatorju l-fatt li l-kandidat li kien gie maghzul u moghti l-Post ta' Professional Officer I - Food & Beverage Service mill-Interviewing Board kien xejn inqas

minn ex-Student tal-ITS li kien ghadu kemm temm Full Time Course ta' tliet snin fil-Hotel Management Diploma Studies tmien xhur biss qabel ma gie moghti dan il-Lecturing Post. Illi huwa fatt ukoll li skond wahda mill-kundizzjonijiet principali l-kandidat ried ikollu tal-inqas hames snin esperjenza gholja fis-sugett jew qasam Specjalizzat. Jista' xi hadd jikkonferma jew jichad il-fatt li l-kandidat maghzul ma kellux dawn il-kwalifiki necessarji. Illi huwa fatt li dan il-kandidat kien ilu jokkupa l-pozizzjoni ta' Junior Supervisor (Captain) f'Restaurant ta' Lukanda Five Star fil-Furjana ghal madwar hames xhur biss u li huwa relatat mal-familja ta' ex-Segretarju Parlamentari fil-Gvern precedenti. Dan il-kandidat l-anqas kien eligibbli biex jigi kunsidrat ghall-Post ta' Assistant Lecturer Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service; ahseb u ara kemm seta' jigi moghti l-Post ta' Professional Officer I - Food and Beverage Service.

(e) Illi f'Ottubru 1995 kienu hargu Calls for Application ghall-Posts ta' Lecturer fil-Food & Beverage Service u kif ukoll ta' Assistant Lecturer fil-Food & Beverage Service bl-istess Terms of Reference and Conditions bhalma kienu gew mitluba fil-Calls for Application tas-snin 1991/1992 (b) u 1993/94 (d). Illi huwa applika ghal dawn il-posts. Illi huwa fatt li f'Jannar 1996 l-applikant kiteb lill-Ombudsman biex jinfurmah bil-kazi ta' ingustizzji li kien qed isofri. Wara li studja l-kaz bir-reqqa kien f'Gunju 1996 li l-Ombudsman gharraf lill-applikant li l-Institute of Tourism Studies kien ghazel lill-applikant ghall-Post ta' Assistant Lecturer fil-Food & Beverage Service. Illi huwa fatt ukoll li kien hemm zewg kandidati ohra li ghalkemm gew maghzula, ma kienx haqqhom li jigu moghtija l-Post ta' Assistant Lecturer fil-Food & Beverage Service u fil-Food Preparations and Production ghax ma kienux jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fil-calls for Application (bhal fil-kaz tal-Kandidat riferut f'paragrafu, (d) pagna 3).

Id-decizjoni moghtija mill-Ombudsman ma kenitx tirrifletti l-kazijiet ta' ingustizzji li huma msemmija taht paragrafi (a)(b)(c)(d).

Illi huwa kien bi hsiebu li jgib biex isostni l-ilmenti tieghu bix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib provi dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-appointment/s kif kien jisthoqqlu mid-dati msemmija, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur tat-Turizmu li eccepixxa:

Li fil-kazi kollha msemmija mir-rikorrent jigifieri (a) sa (d) l-impieg sar wara s-sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

F’kull kaz l-applikanti kollha eligibbli gew ezaminati mill-Bord ta’ Ghazla mahtura mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Il-postijiet li kien hemm vakanti mtlew skond l-ordni ta’ klassifika tal-Bord.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit u fih dwar:

a) il-post ta' **Lecturer II fl-Istitut tal-Istudji Turistici**

semma li fit-3 ta' Novembru 1988 applika ghal dan il-post u fit-28 t' April 1989 attenda ghal interview. Sakemm kien qed jistenna r-rizultat gie ngaggat mill-istess Istitut bhala Casual Lecturer II biex jghallem fil-Campus ta' San Gorg, San Giljan u tal-Qala gewwa Ghawdex u dam tnax-il xahar shah jistenna d-decizjoni tal-Bord u mbaghad wara li kien gie moghti parir ressaq ilment lill-Prim Ministru. Minfloku gew ingaggati nies bi ftit jew xejn kwalifiki teknici u akkademici kif ukoll minghajr teaching experience fuq bazi ta' part-time.

**b) Post ghal Field Officer mal-Hotels and Catering Establishments Board, Ministeru tat-Turizmu**

Qal li fit-8 ta' Gunju 1991 applika ghall-imsemmi post u fl-24 ta' Settembru attenda ghal interview quddiem Bord kompost mis-Sur Lino Borg bhala Chairman li kien qed jirrapprezenta lill-Ministru tat-Turizmu, mis-Sur Joe Lanzon bhala membru li kien qed jirrapprezenta lill-HCEB u minn rapprezentant ta' l-Establishments Office mill-Ufficcju tal-Prim Ministru. Sostna li tant mar tajjeb fl-interview li hin minnhom Joe Lanzon irrimarka li messu applika ghal post ahjar bi grad oghla peress li kien over qualified u kellu esperjenza vasta fil-qasam tal-lukandi. Wiehed li kien ha l-kariga ta' Field Officer kien student tieghu fil-perjodu li kien ingaggat bhala Casual Lecturer II.

c) **Post ta' Professional Officer I, Food and Beverage Service (Lecturer), Assistant Lecturer Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service fl-Istitut ta' l-Istudji Turistici, San Giljan**

Fl-14 u 16 ta' Novembru 1991 applika ghal dan il-post u sitt xhur wara gie nfurmat permezz ta' zewg ittri li l-applikazzjonijiet tieghu kienu ineligibbli skond Paragrafu numru 9 fil-Calls for Application li kien jghid li l-applikant ried ikollu Diploma fil-Hotel Management. Hu kkontesta din id-decizjoni izda l-bord tas-selezzjoni baqa' jinsisti li hu

ma kellux Diploma fil-Hotel Management. Kompla jghid li ghalkemm l-Istitut kien nieqes minn lecturers professjonali u kwalifikati l-management tal-ITS xorta zamm l-attitudni diskriminatorja kontrieh. Semma lil Richard Pons u qal li dan ma kellux esperjenza u kwalifiki daqsu.

d) **Post ta' Professional Officer I -Food and Beverage Service (Lecturer), Assistant Lecturer Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service fl-Istitut ta' l-Istudji Turistici, San Giljan**

Fil-11 ta' Dicembru 1993 applika u sitt xhur wara kien rega' rcieva ittra minghand Mario di Mauro Direttur tal-Istitut tal-Istudji Turistici ta' San Gorg li biha gie infurmat li l-applikazzjonijiet tieghu kienu ineligibbli skond paragrafu 9 tal-call for applications. Hu sostna li ma kienx veru li l-kwalifiki akkademici u professjonali kif ukoll l-esperjenza vasta li kellu kienu inkompatibbli ma' dawk mitluba fil-call for applications. Qal li hu kien membru full time tal-Academic Staff tad-Dipartiment tal-Hotel and Catering Studies tal-M.C.A.S.T. fl-Imsida bejn l-1976 u l-1981 u membru kaswali tal-Academic Staff tal-ITS bejn l-1988 u l-1989.

Fl-affidavit ir-rikorrent semma wkoll li fis-27 t' Ottubru 1995 kien applika ghall-postijiet ta' Lecturer fil-Food and Beverage Service Operations u ghal-Assistant Lecturer fil-Food and Beverage Service Operations fl-Istitut ta' l-Istudji Turistici. Dan kollu huwa irrilevanti ghat-Tribunal minhabba li ma ssemmiex fir-rikors oltre li jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis***.

Meta kien casual lecturer kien jaghmel mal-35 siegha lectures fil-gimgha bejn Malta u Ghawdex. Hu kien jaqsam ghal Ghawdex kuljum. Il-lectures kienu fuq Food and Beverages Services Studies. Hu kien gie mwaqqaf milli jaghti l-lectures mill-istess Istitut. Hu kien jghallem f' livell baziku u f' livell avvanzat. Ma kellu ebda appointment bil-miktub dwar casual lecturer. Dam jaghti lectures sal-1990. Dak li kien jghallem hu bhala livell kien xoghol ta' senior lecturer. Imbaghad kien dahal jghallem Richard Pons li kien barman fi three star hotel.

Xehed Lino Borg li kien id-Direttur tat-Turizmu u spicca fl-1999 u li meta xehed kien konsulent tal-Ministru. Dwar il-kariga ta' **Lecturer II fil-Food and Beverages** qal li l-call for applications harget fit-28 ta' Ottubru 1988 u ghaliha kien hemm post wiehed biss. Ir-rikorrent kien eligibbli u baghtu ghalih u ghamlulu l-interview. Ir-rikorrent kien gie t-tieni. Kienu baghtu ghall-persuna li kien gie l-ewwel. Wara r-rikorrent kiteb lill-Prim Ministru u ghamel diversi allegazzjonijiet kontra l-head of department li kien is-Sur James Rizzo rigward xi tbaghbis li seta` sar fis-selection board. Kien inhatar board of enquiry li kien kompost minn Dr. Richard Galea Debono bhala Chairman, u Lino Camilleri u John DeGray bhala membri. Sostna li lir-rikorrent tawh kull facilita` biex ipoggi l-kaz tieghu quddiem il-bord. Il-bord kien ikkonkluda li s-sistema tal-ghazla kienet 100% korretta u li kien hemm certu dewmien minhabba ragunijiet li ma kienux jaffettwaw direttament lir-rikorrent. Kompla jghid li Richard Pons li ssemma mir-rikorrent kien kwalifikat u li fil-fatt l-ITS kien anke tah job full time bhala instructor in bar operations. Semma li ma kienx Pons li nghata l-kariga izda kien intghazel Arthur Bajada li kien jghix Ghawdex li sussegwentement irrifjuta l-appointment ghax ried jahdem bilfors Ghawdex u ghalhekk ma kien sar hadd. Kienu ppruvaw jaghmlu lis-Sur Cassar li gie t-tieni izda kien hemm xi oggezzjoni mill-OPM u mill-PSC.

Dwar l-applikazzjoni ghal Lecturer II fil-Food and Beverages Services fit-3 ta' Jannar 1990 is-Sur Rizzo kiteb lill-PSC fis-sens li setghu jikkunsidraw li Bajada ma accettax il-hatra. Sa Gunju 1990 pero` kien ghadu ma rrizenjax. Il-bord kien irrakkomanda lil Bajada fil-bidu tal-1989. Bajada fis-sajf kien jahdem bhala casual ghax fil-fatt l-appointment qatt ma hadu.

Kien hemm zewg postijiet u cioe` Rooms Division u Food and Beverage Service. Bajada gie l-ewwel fit-tnejn u ghazel li jmur Food and Beverage Service jigifieri dik li fiha r-rikorrent gie t-tieni. Imbaghad Bajada ma accettax l-appointment u l-OPM u l-PSC oggezzjonaw li jigi appuntat

dak li gie t-tieni. Minhabba d-dewmien li gie kagunat kien sar iz-zmien li tohrog call gdida ghal dak il-post.

Dwar il-post ta' **Field Officer tal-1991** qal li r-rikorrent applika u peress li kien hemm tliet postijiet x' jimtlew u hu ma giex mal-ewwel tlieta ma giex maghzul. Qal li ghalkemm ir-rikorrent sostna li kien overqualified ix-xoghol ta' Lecturer huwa ta' Teacher waqt li dak ta' Field Officer huwa to monitor the standards fil-lukandi, jara li classification izommuha, jara l-kwistjonijiet tal-higene fil-kcina.

Is-sejha ghal **Assistant Lecturer Food and Beverage harget fl-1991**. Wahda mir-rekwiziti kienet Diploma in Hotel and Catering Manager u City and Guilds of London qualifications. Qal li r-rikorrent ma kellux din il-kwalifika u ghalhekk l-applikazzjoni tieghu ma gietx milqugha. Ix-xhud ma setax jiftakar min intghazel.

Dwar **Professional Officer 1 u Assistant Lecturer fil-Food and Beverage** l-applikazzjoni tar-rikorrent ukoll giet rifjutata. Dwar Joseph Tanti qal li dan kien kwalifikat tant li meta ntbaghat l-Isvizzera ghal tahrig, dawn impjegawh maghhom.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta minn erbgha aspetti u cioe` li:

a) ma hax il-post ghall-grad ta' Lecturer II fl-Istitut tal-istudji turistici San Gorg, San Giljan

b) ma hax il-post ghal Field Officer mal-Hotels and Catering Establishments Board, Ministeru tat-Turizmu

c) ma nghatax il-posts ta' Professional Officer 1 – Food and Beverage Service (Lecturer) Assistant Lecturer Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service fl-istitut tal-istudji turistici San Gorg, San Giljan

d) ma nghatax il-posts ta' Professional Officer I Food and Beverage Service (Lecturer) Assistant Lecturer

Food Service u Assistant Lecturer Beverage Service fl-istitut tal-istudji turistici San Gorg, San Giljan

L-ilment l-iehor dwar kaz li gara f' Ottubru 1995 gja gie dikjarat hawn fuq li jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis***.

B' riferenza ghall-ewwel wahda ta' Lecturer II jirrizulta li l-call for applications kienet harget fit-28 ta' Ottubru 1988 u kien hemm post wiehed biss ghaliha u r-rikorrent waqt l-interview gie klassifikat fit-tieni post. Ir-rikorrent f' ebda stadju ma ssostanzja sufficjentement li kien haqqu hu li jehodha u mhux il-persuna l-ohra ghalkemm ghamel diversi ilmenti u kien hemm anke kummissjoni ta' inkjesta dwarha. Mir-rapport tal-Kummissjoni jirrizulta car li "Mr. Cassar's allegations as to an improper decision taken in his regard by the selection board is found to be completely baseless." It-Tribunal ezamina r-rapport ta' dik il-Kummissjoni u ma jsib xejn x' jiccensura fih. Li kien intghazel kien Arthur Bajada li pero` dam zmien twil jahsibha u infatti sa Gunju 1990 kien ghadu ma rrizenjax. Is-selection board kien irrapporta lill-PSC fit-18 ta' Mejju 1989 u fit-28 ta' Gunju 1989 l-Ufficcju tal-Prim Ministru approva r-rakkomandazzjoni kif jirrizulta minn fol 151 u 152 tal-process. Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent mhux sostenibbli u t-tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tat-Turizmu f' dan ir-rigward.

It-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent jirrigwarda dak ta' Field Officer fl-1991. Ir-rikorrent ma giex mal-ewwel tlieta. Ir-rikorrent sostna li hu kien over qualified bhala Lecturer izda x-xoghol ta' Field Officer huwa notevolment differenti minn dak ta' Lecturer. Dwar l-interview ir-rikorrent inghata marki gholjin ghall-qualifications, 23 minn 30, u ghall-esperjenza 20 minn 30 u ghalhekk is-selection board kien ha in konsiderazzjoni l-kwalifiki u l-esperjenza tar-rikorrent izda r-rikorrent gie fis-7 post u kien hemm vakanzi ghal tlieta. Hawnhekk ukoll it-Tribunal ma jsib xejn x' jiccensura fl-operat tas-selection board u ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll mis-sejha ghal Assistant Lecturer Food and Beverage tal-1991. Hawnhekk il-kwalifiki necessarji kienu mill-anqas Diploma in Hotel and Catering Management with suitable trade experience together with appropriate City and Guilds of London Institution qualifications liema kwalifika r-rikorrent ma kellux. Ir-rikorrent ghalhekk ma kienx eligibbli ghal dan il-post u ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Jifdal il-kaz dwar Professional Officer I Assistant Lecturer fil-Food and Beverage. Hawn ukoll l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet giet rifjutata minhabba li ma kellux il-kwalifiki akkademici mitluba fis-sejha ghall-applikazzjonijiet. Ghalhekk ukoll it-tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------